Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fil-5 ta' Mejju 2022[1]

**Kawża C-120/21**

**LB**
**vs**
**TO**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, Il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Dritt għal-leave annwali mħallas – Kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud meta tintemm ir-relazzjoni ta' xogħol – Terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin – Bidu tad-dekorrenza – Obbligi ta' inċentiv u ta' informazzjoni tal-ħaddiem fir-rigward tat-teħid tal-leave tiegħu"

## I. Introduzzjoni

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol[2] u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[3].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn TO u LB bil-għan li jinkiseb kumpens finanzjarju għal ġranet ta' leave annwali mħallas. LB invoka l-preskrizzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas mitlub minn TO.

3. Id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tistieden li jiġi ddeterminat jekk l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-preskrizzjoni għad-dritt għal leave annwali mħallas hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni meta l-persuna li timpjega ma tkunx osservat l-obbligi li tinċentiva u li tinforma lill-ħaddiem fir-rigward tat-teħid tal-leave tiegħu, kif stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tas-6 ta' Novembru 2018, Kreuziger[4] u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften[5].

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

[3] Iktar 'il quddiem il-"Karta".

[4] C-619/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kreuziger", EU:C:2018:872.

[5] C-684/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften", EU:C:2018:874.

4. Fil-fatt, f'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-persuna li timpjega għandha tħeġġeġ lill-ħaddiem jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas u tinformah dwar l-estinzjoni possibbli ta' dan id-dritt. Meta l-persuna li timpjega ma tosservax l-obbligi imposti fuqha b'dan il-mod, l-imsemmi dritt ma jistax jispiċċa fi tmiem il-perijodu ta' riferiment jew perijodu ta' trasferiment previst mid-dritt nazzjonali.

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-kuntest tal-kawża ineżami, tiddeċiedi jekk dak li hija ddeċidiet fil-qasam tal-estinzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas japplikax ukoll fir-rigward tal-applikazzjoni għal dan id-dritt ta' terminu ta' preskrizzjoni taħt id-dritt ordinarju. B'mod iktar preċiż, tali terminu jista' jibda jiddekorri u jintemm indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-persuna li timpjega effettivament qegħditx lill-ħaddiem f'pożizzjoni li jeżerċita l-imsemmi dritt?

6. Fil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, ser nesponi r-raġunijiet li għalihom inqis li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha d-dritt għal-leave annwali mħallas miksub fir-rigward ta' perijodu ta' riferiment kif ukoll, korrelattivament, id-dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud f'każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li jibda jiddekorri fi tmiem dan il-perijodu ta' riferiment, meta l-persuna li timpjega ma tkunx osservat l-obbligi ta' inċentiv u ta' informazzjoni imposti fuqha fir-rigward tat-teħid ta' dan il-leave mill-ħaddiem.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

7. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, intitolat "Leave annwali", jipprevedi dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

### *B. Id-dritt Ġermaniż*

8. L-Artikolu 7 tal-Bundesurlaubsgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Leave)[6], tat-8 ta' Jannar 1963, fil-verżjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2002 applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol bejn il-partijiet[7], huwa intitolat "Data, trasferiment u kumpens għal leave". Dan l-artikolu jipprovdi:

"[…]

(3) Il-leave għandu jingħata u jittieħed matul is-sena kalendarja kurrenti. Trasferiment tal-leave għas-sena kalendarja sussegwenti huwa permess biss jekk dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet

6 BGBl, 1963, p. 2.
7 BGBl, 2002 I, p. 1592, iktar 'il quddiem il-"BUrlG".

imperattivi marbutin mal-impriża jew mal-ħaddiem innifsu. Fil-każ ta' trasferiment, il-leave għandu jingħata u jittieħed matul l-ewwel tliet xhur tas-sena kalendarja ta' wara. Fuq talba tal-ħaddiem, il-leave parzjali miksub skont l-Artikolu 5(1)(a) huwa madankollu ttrasferit għas-sena kalendarja ta' wara.

(4) Jekk, minħabba t-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol, il-leave ma jkunx jista' jingħata totalment jew parzjalment, dan jagħti dritt għal kumpens."

9. Il-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili, iktar 'il quddiem il-"BGB"), li huwa applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali, jipprovdi fl-Artikolu 194 tiegħu, intitolat "Suġġett tal-preskrizzjoni", dan li ġej:

"(1) Id-dritt li wieħed jeżiġi minn persuna oħra azzjoni jew astensjoni (dritt ta' kreditu) huwa suġġett għal preskrizzjoni.

[…]"

10. Skont l-Artikolu 195 tal-BGB, intitolat "Terminu ta' preskrizzjoni tad-dritt ordinarju":

"It-terminu ta' preskrizzjoni taħt id-dritt ordinarju huwa ta' tliet snin."

11. L-Artikolu 199 tal-BGB, intitolat "Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt id-dritt ordinarju u termini massimi ta' preskrizzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"(1) Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja, it-terminu ta' preskrizzjoni taħt id-dritt ordinarju jibda jiddekorri mill-aħħar tas-sena li matulha

1. id-dritt jinħoloq u fejn

2. il-kreditur kien jaf biċ-ċirkustanzi li fuqhom huwa bbażat id-dritt u bil-persuna tad-debitur, jew kellu jkun jaf b'dan mingħajr negliġenza gravi min-naħa tiegħu.

[…]

(4) Id-drittijiet minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 2 sa 3a jiġu preskritti wara għaxar snin mit-tnissil tagħhom, indipendentement mill-għarfien tagħhom jew nuqqas ta' għarfien tagħhom minħabba negliġenza gravi.

[…]"

12. Skont l-Artikolu 204 tal-BGB, intitolat "Sospensjoni tal-preskrizzjoni permezz tat-tressiq ta' azzjoni legali":

"(1) Il-preskrizzjoni hija sospiża permezz ta'

1. l-introduzzjoni ta' azzjoni għall-eżekuzzjoni jew għar-rikonoxximent tad-dritt […]

[…]"

## III. Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13. TO ħadmet fis-servizz ta' LB bħala impjegata fiskali u ta' kontabbiltà mill-1 ta' Novembru 1996 sal-31 ta' Lulju 2017. Hija kellha dritt għal 24 jum ta' leave għal kull sena kalendarja. Permezz ta' ittra tal-1 ta' Marzu 2012, LB iċċertifikat lil TO li d-dritt tagħha għall-bilanċ tal-leave tagħha ta' 76 jum għas-sena kalendarja 2011 kif ukoll għas-snin preċedenti ma kienx jiskadi fil-31 ta' Marzu 2012 peress li hija ma setgħetx tieħu dan il-leave minħabba l-ammont kbir ta' xogħol tal-uffiċċju tal-avukati tagħha. Bejn l-2012 u l-2017, LB ta lil TO 95 jum ta' leave totali. Hija ma ħaditx il-leave minimu legali kollu tagħha. LB ma stedinx lil TO sabiex tieħu iktar leave u lanqas ma informaha li l-leave mhux mitlub seta' jintilef mal-iskadenza tas-sena kalendarja jew tal-perijodu ta' trasferiment tal-leave.

14. Permezz ta' azzjoni mressqa fis-6 ta' Frar 2018 quddiem l-Arbeitsgericht (il-Qorti Industrijali, il-Ġermanja), TO talbet kumpens finanzjarju għall-101 jum ta' leave annwali mħallas għas-sena 2017 u għas-snin preċedenti, li hija ma kinitx eżawriet qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha. LB ikkunsidra li l-leave inkwistjoni kien mitluf. Huwa sostna, f'dan ir-rigward, li huwa ma setax ikun jaf bl-obbligi tiegħu ta' informazzjoni u ta' inċentiv u lanqas li josservahom, peress li l-ġurisprudenza tal-Bundesarbeitgericht (il-Qorti Industrijali Federali) kienet inbidlet biss wara t-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol, permezz tad-deċiżjonijiet tad-19 ta' Frar 2019. Barra minn hekk, huwa ma huwiex obbligat iħallas kumpens għal-leave mhux meħud minħabba li d-drittijiet għal-leave li għalihom TO tista' titlob kumpens huma preskritti.

15. L-Arbeitsgericht (il-Qorti Industrijali) ikkundannat lil LB iħallas kumpens finanzjarju għal-leave residwali għas-sena 2017. Hija ċaħdet il-kumplament tal-azzjoni.

16. Wara l-appell ippreżentat minn TO, il-Landesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Superjuri, il-Ġermanja) ikkundannat lil LB iħallas lil din tal-aħħar kumpens finanzjarju għal 76 jum ta' leave mhux meħuda għas-snin 2013 sa 2016, jiġifieri EUR 17 376.64 gross. Hija qieset li, fid-dawl tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal-leave ta' TO ma setax jintilef skont l-Artikolu 7(3) tal-BUrlG, u lanqas ma seta' jiġi preskritt skont id-dispożizzjonijiet ġenerali fil-qasam tal-preskrizzjoni bbażati fuq l-Artikoli 194 *et seq.* tal-BGB, peress li LB ma kienx qiegħed lil TO f'pożizzjoni li tieħu l-leave tagħha.

17. LB ippreżenta azzjoni għal "Reviżjoni" quddiem il-qorti tar-rinviju.

18. Dik il-qorti tindika, abbażi tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi Kreuziger u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften, li d-drittijiet għal-leave annwali mħallas ta' TO għas-snin 2013 sa 2016 ma humiex estinti skont l-Artikolu 7(3) tal-BUrlG peress li LB naqas milli jinkoraġġiha tieħu l-leave tagħha u li jinformaha, b'mod preċiż u fi żmien xieraq, li, jekk hija ma tiħdux, dan il-leave jkun mitluf fl-aħħar tas-sena kalendarja jew tal-perijodu ta' trasferiment.

19. Bħall-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju titlaq mill-prinċipju li l-estinzjoni tad-drittijiet għal-leave annwali mħallas fil-każijiet fejn ħaddiem ma setax jieħu l-leave tiegħu hija prevedibbli biss b'mod eċċezzjonali, jekk ikunu jeżistu ċirkustanzi partikolari li jiġġustifikaw it-telf ta' dan il-leave. Issa, dik il-qorti tikkonstata li LB seta' jqiegħed lil TO f'pożizzjoni li tieħu l-leave tagħha għas-snin 2013 sa 2016 billi jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' inċentiv u ta' informazzjoni.

20. Sa fejn LB qajjem eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, ibbażata fuq l-Artikoli 194 u 195 tal-BGB, li minnu jirriżulta li l-pretensjonijiet ta' kreditur huma preskritti tliet snin wara t-tmiem tas-sena li matulha tnissel id-dritt tiegħu, l-imsemmija qorti għandha teżamina jekk id-drittijiet għal-leave annwali mħallas, li ma setgħux jintilfu skont l-Artikolu 7(3) tal-BUrlG, humiex preskritti.

21. Il-qorti tar-rinviju tindika li t-talba ta' TO ma tkunx fondata, sa fejn din tirrigwarda kumpens għal-leave mhux meħud għas-snin 2013 u 2014, jekk l-Artikolu 7 tal-BUrlG, interpretat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, ma kienx jipprekludi l-preskrizzjoni tad-drittijiet għal-leave għal dawn is-snin u kien jippermetti li wieħed jibbaża ruħu, għall-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, fuq is-sena ta' riferiment li matulha d-dritt tnissel, anki fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn naħa tal-persuna li timpega.

22. Għalhekk, din il-qorti tixtieq tkun taf kif id-dispożizzjonijiet ġenerali fil-qasam tal-preskrizzjoni tal-Artikoli 194 *et seq.* tal-BGB huma artikolati mal-Artikolu 7 tal-BUrlG, fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi Kreuziger u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften. Fil-fatt, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, applikazzjoni tar-regoli nazzjonali fil-qasam tal-preskrizzjoni għad-dritt għal-leave f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' twassal għal ksur tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u tal-Artikolu 31(2) tal-Karta.

23. B'mod partikolari, għandu jiġi ddeterminat jekk minn din il-ġurisprudenza għandux jiġi dedott li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu li jiġi rikjest minn ħaddiem li jippreżenta azzjoni skont l-Artikolu 204(1) tal-BGB sabiex jissospendi l-preskrizzjoni tad-dritt tiegħu għal-leave, f'sitwazzjoni fejn il-persuna li timpjegah ma tkunx qegħditu f'pożizzjoni li jeżerċita dan id-dritt.

24. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat, konformement mal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, l-applikazzjoni ta' termini ta' preskrizzjoni, sakemm jiġu osservati l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

25. Issa, mill-perspettiva tal-prinċipju ta' effettività, l-indikazzjonijiet li jistgħu jinsiltu mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jeħtieġu kjarifika addizzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għall-eżerċizzju tad-dritt għal-leave annwali mħallas. B'mod partikolari, il-kwistjoni tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni hija fiċ-ċentru tad-domandi tal-qorti tar-rinviju.

26. Skont l-ewwel perspettiva, l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' preskrizzjoni għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt tista' titqies li hija kompatibbli mal-prinċipju ta' effettività. Billi ppreveda terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin, il-leġiżlatur nazzjonali ħoloq bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-persuna li timpjega bħala debitur tad-dritt għal-leave annwali mħallas u dawk tal-ħaddiem bħala kreditur ta' dan id-dritt. Filwaqt li tenfasizza li, skont l-Artikoli 195 u l-punti 1 u 2 tal-Artikolu 199(1) tal-BGB, dan it-terminu jibda jiddekorri biss mill-għarfien jew mill-identifikazzjoni possibbli tal-kreditu, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-ħaddiem, li normalment ikollu għarfien tad-dritt għal-leave li jirriżulta mill-kuntratt ta' xogħol tiegħu, mil-liġi jew minn ftehimiet kollettivi, jista' jinvoka dan id-dritt quddiem qorti f'terminu suffiċjentement twil, b'mod li jissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni.

27. Madankollu, skont it-tieni perspettiva, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi wkoll indikazzjonijiet li jissuġġerixxu li l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali ta' preskrizzjoni għad-dritt għal-leave annwali mħallas tkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' effettività meta l-persuna li timpjega ma tkunx osservat l-obbligi tagħha ta' inċentiv u ta' informazzjoni.

28. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'kuntest ieħor, li l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni hija ta' natura li tirrendi eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, li tikser il-prinċipju ta' effettività moqri flimkien mal-prinċipju ta' ċertezza legali, jekk dan jibda jiddekorri f'data li fiha l-applikant ma setax ikun jaf jew jipperċepixxi l-portata tad-drittijiet tiegħu li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni peress li ma kellux l-informazzjoni neċessarja[8].

29. Għalhekk, għall-qorti tar-rinviju, il-kwistjoni li tqum f'dan il-kuntest hija dik dwar jekk l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta jeżiġux li l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni jkun suġġett mhux biss għall-għarfien tat-tnissil u tal-portata tad-dritt għal-leave annwali mħallas, iżda wkoll għall-informazzjoni dwar il-limitazzjoni *ratione temporis* u għall-eventwali estinzjoni ta' dan id-dritt, li l-persuna li timpjega għandha tipprovdi fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħha ta' inċentiv u ta' informazzjoni.

30. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, din il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 7 tad-[Direttiva 2003/88] u l-Artikolu 31(2) tal-[Karta] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 194(1) flimkien mal-Artikolu 195 tal-[BGB], skont liema d-dritt għal-leave annwali mħallas huwa suġġett għal terminu ta' preskrizzjoni taħt id-dritt ordinarju ta' tliet snin, li l-perjodu tiegħu jibda jiddekorri minn tmiem is-sena li fiha kien disponibbli l-leave, taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 199(1) tal-BGB, jekk il-persuna li timpjega ma tkunx effettivament qegħdet lill-impjegat f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt għal leave tiegħu permezz ta' talbiet u indikazzjonijiet xierqa?"

31. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea. Fl-24 ta' Marzu 2022 inżammet seduta għas-sottomissjonijiet orali.

## IV. Analiżi

32. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi jekk l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha d-dritt għal-leave annwali mħallas miksub abbażi ta' perijodu ta' riferiment kif ukoll, korrelattivament, id-dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li jibda jiddekorri fit-tmiem ta' dan il-perijodu ta' riferiment, meta l-persuna li timpjega ma tkunx wettqet l-obbligi ta' inċentiv u ta' informazzjoni imposti fuqha fir-rigward tat-teħid ta' dan il-leave mill-ħaddiem.

[8] Il-qorti tar-rinviju tirreferi, f'dan ir-rigward, għal sentenzi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288). Hija tiċċita s-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punt 69), u tas-16 ta' Lulju 2020, Caixabank et Banco Bilbao Vizcaya Argentaria (C-224/19 u C-259/19, EU:C:2020:578, punti 90 *et seq.*).

33. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu, fil-leġiżlazzjoni interna tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju u ta' implimentazzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas, billi jippreċiżaw iċ-ċirkustanzi konkreti li fihom il-ħaddiema jistgħu jagħmlu użu minn dan id-dritt [9].

34. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt għal-leave annwali mħallas espressament mogħti minn din id-direttiva, li tinkludi wkoll it-telf tal-imsemmi dritt fl-aħħar ta' perijodu ta' referenza jew ta' perijodu ta' rrimandar, sakemm, madankollu, il-ħaddiem li tilef id-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas kellu effettivament il-possibbiltà li jeżerċita d-dritt mogħti lilu mill-imsemmija direttiva" [10].

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għamlitha ċara li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 7(3) tal-BUrlG, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-modalitajiet għat-teħid tal-leave annwali mħallas, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja [11]. Leġiżlazzjoni ta' dan it-tip tagħmel parti mir-regoli u mill-proċeduri tad-dritt nazzjonali applikabbli għall-iffissar tal-leave tal-ħaddiema, filwaqt li jitqiesu l-interessi differenti inkwistjoni [12].

36. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għandu, f'kull sitwazzjoni, "jiġi żgurat li l-applikazzjoni ta' tali regoli nazzjonali ma tkunx tista' ġġib magħha t-telf tad-drittijiet għal-leave annwali mħallas miksuba mill-ħaddiem, minkejja li dan ma kellux effettivament il-possibbiltà li jeżerċita dawn id-drittijiet" [13]. Għalhekk, tali "telf awtomatiku tad-dritt għal-leave annwali mħallas, li ma huwiex suġġett għal verifika minn qabel li l-ħaddiem kien effettivament imqiegħed f'pożizzjoni li jeżerċita dan id-dritt, jinjora l-limiti, […] imposti b'mod imperattiv fuq l-Istati Membri meta dawn jippreċiżaw il-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-imsemmi dritt" [14]. Fil-fatt, "it-telf tad-dritt miksub ta' ħaddiem għal-leave annwali mħallas jew għad-dritt tiegħu korrelattiv għall-ħlas ta' kumpens għal leave mhux meħud f'każ tat-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg, mingħajr ma l-persuna kkonċernata effettivament kellha l-possibbiltà li teżerċita dan id-dritt għal-leave annwali mħallas, jippreġudika s-sustanza stess ta' dan id-dritt" [15].

37. Minn din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-qasam tad-dritt għal-leave annwali mħallas, il-prinċipju huwa li dan id-dritt ma jistax jiġi estint mal-iskadenza tal-perijodu ta' riferiment u/jew ta' perijodu ta' trasferiment tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali, meta l-ħaddiem ma kienx f'pożizzjoni li jieħu l-leave tiegħu [16].

9 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 28), kif ukoll is-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 34).

10 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 43), kif ukoll is-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 35).

11 Ara s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 36).

12 Ara s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 Sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 38).

14 Sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 40).

15 Ara s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca SpA (C-762/18 u C-37/19 EU:C:2020:504 punt 72).

38. Sa fejn japplikaw għad-dritt għal leave annwali mħallas, ir-regoli ta' preskrizzjoni li jinsabu fl-Artikoli 194 *et seq.* tal-BGB jaqgħu, bħall-Artikolu 7(3) tal-BUrlG, taħt il-qasam tal-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' dan id-dritt. Tali regoli għandhom għalhekk josservaw ukoll il-limiti imposti fuq l-Istati Membri sabiex ma tiġix ippreġudikata s-sustanza stess tal-imsemmi dritt.

39. Din hija kwistjoni li tiġi espressa b'mod ieħor, fil-qasam speċifiku tad-dritt għal-leave annwali mħallas, ir-regola ġenerali li l-Istati Membri jgawdu minn awtonomija proċedurali li hija rregolata mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, ċertament, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni fil-qasam, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' dan id-dritt jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar. Madankollu, dawn il-modalitajiet ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom ikunu organizzati b'tali mod li, fil-prattika, l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jsir impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività) [17].

40. Fil-kuntest ta' din il-kawża, huwa biss il-prinċipju ta' effettività li huwa inkwistjoni [18]. Fir-rigward ta' dan il-prinċipju, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod kostanti li kull każ fejn tqum il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi tagħha, quddiem id-diversi qrati nazzjonali. Minn din il-perspettiva, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, skont il-każ, il-prinċipji bażiċi tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħall-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura [19].

41. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw l-effettività tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni jimplika rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta, li japplika, fost l-oħrajn, f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-modalitajiet proċedurali relatati mal-azzjonijiet ġudizzjarji bbażati fuq tali drittijiet [20].

42. F'dak li jirrigwarda l-analiżi tal-karatteristiċi ta' terminu ta' preskrizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din l-analiżi għandha tirrigwarda t-tul ta' tali terminu kif ukoll il-modalitajiet tal-applikazzjoni tiegħu, inkluża l-modalità magħżula sabiex jingħata bidu għad-dekorrenza ta' dan it-terminu [21].

43. Huwa bl-użu ta' dan it-tip ta' analiżi li għandu jiġi eżaminat jekk, u sa fejn, l-applikazzjoni għad-dritt għal leave annwali mħallas tat-terminu ta' preskrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

17 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance (C-776/19 sa C-782/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza BNP Paribas Personal Finance", EU:C:2021:470, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-10 ta' Frar 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Terminu ta' preskrizzjoni) (C-219/20, EU:C:2022:89, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikoli 194 *et seq.* tal-BGB, invokati sabiex tiġi eċċepita l-preskrizzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas fil-kawża prinċipali, huma applikabbli għal kull kreditu tad-dritt ċivili bbażat kemm fuq id-dritt nazzjonali kif ukoll fuq id-dritt tal-Unjoni.

19 Ara, b'mod partikolari, s-sentenza BNP Paribas Personal Finance (punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Ara, b'mod partikolari, s-sentenza BNP Paribas Personal Finance (punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara, b'mod partikolari, s-sentenza BNP Paribas Personal Finance (punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44. Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-tul tat-terminu ta' preskrizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li termini raġonevoli għall-preżentata ta' azzjonijiet legali stabbiliti, taħt piena ta' dekadenza, fl-interess taċ-ċertezza legali ma humiex ta' natura li jrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jekk tali termini jkunu materjalment suffiċjenti sabiex jippermettu lil individwu jipprepara u jippreżenta azzjoni effettiva[22]. Fil-fatt, l-iffissar ta' termini raġonevoli għall-preżentata ta' azzjonijiet legali taħt piena ta' dekadenza, fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni[23].

45. F'dan il-każ, l-Artikolu 195 tal-BGB, li huwa invokat minn LB fil-kawża prinċipali sabiex jikkontesta t-talbiet ta' TO, jiffissa t-tul tat-terminu ta' preskrizzjoni għal tliet snin. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tali terminu, meta jkun stabbilit u magħruf minn qabel, jidher raġonevoli u konformi mal-prinċipju ta' effettività[24].

46. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi vverifikat jekk dan jistax jipprekludi lil ħaddiem milli jinvoka, matul dan it-terminu, id-drittijiet li tagħtih id-Direttiva 2003/88.

47. Infakkar li, skont l-Artikolu 199(1) tal-BGB, it-terminu ta' preskrizzjoni taħt id-dritt ordinarju jibda jiddekorri fl-aħħar tas-sena li matulha tnissel id-dritt u fejn il-kreditur sar jaf biċ-ċirkustanzi li jagħtu lok għal dan id-dritt u bil-persuna tad-debitur, jew kellu jkun jaf bih mingħajr negliġenza gravi min-naħa tiegħu. Din id-dispożizzjoni timplika li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin jibda jiddekorri, bħala prinċipju, fi tmiem is-sena ta' leave li matulha l-ħaddiem ikun kiseb id-drittijiet tiegħu għal leave annwali mħallas. Iffissat b'dan il-mod, il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu ta' preskrizzjoni huwa bbażat fuq il-konstatazzjoni li dan il-ħaddiem normalment ikollu għarfien tad-dritt għal-leave li jirriżulta mill-kuntratt ta' xogħol tiegħu, mil-liġi jew minn ftehimiet kollettivi, u jista' jinvoka dan id-dritt quddiem qorti f'terminu suffiċjentement twil, b'mod li jissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni.

48. Madankollu, bħall-Kummissjoni, inqis li terminu ta' preskrizzjoni bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jibda jiddekorri biss fuq il-bażi ta' għarfien teoretiku u preżunt mill-ħaddiem tal-eżistenza tad-dritt tiegħu għal leave annwali mħallas. Tali interpretazzjoni hija, fil-fehma tiegħi, inkompatibbli mal-prinċipju ta' effettività, sa fejn din tinvolvi riskju mhux negliġibbli li l-ħaddiem ma jkunx f'pożizzjoni li jeżerċita, matul it-terminu stabbilit fl-Artikolu 195 tal-BGB, id-dritt tiegħu għal leave annwali mħallas. Fil-fatt, l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt minn dan il-ħaddiem jippreżumi li l-persuna li timpjega tkun ipprovdietlu minn qabel informazzjoni adegwata u kompleta dwar il-portata tal-leave li huwa għandu. Tali informazzjoni tirriżulta li hija iktar neċessarja meta d-drittijiet għal-leave jkunu s-suġġett ta' diversi trasferimenti.

49. Għalhekk, ma huwiex it-terminu ta' preskrizzjoni previst mid-dritt Ġermaniż u lanqas it-tul tiegħu li jqajmu problema bħala tali fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, iżda l-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu, li għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi ffissat fi tmiem is-sena li matulha l-persuna li timpjega wettqet l-obbligu ta' informazzjoni tagħha, peress li huwa f'din id-data li l-ħaddiem għandu jitqies li għandu "għarfien" tad-dritt tiegħu għal leave annwali mħallas, fis-sens tal-Artikolu 199(1) tal-BGB. Minn dan għandu jiġi dedott li, sakemm il-persuna li timpjega ma

22 Ara, b'mod partikolari, s-sentenza BNP Paribas Personal Finance (punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara, b'mod partikolari, s-sentenza BNP Paribas Personal Finance (punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' April 2010, Barth (C-542/08, EU:C:2010:193, punti 28 u 29), kif ukoll is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537, punt 64).

tkunx issodisfat id-dmir ta' informazzjoni tagħha, it-terminu ta' preskrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkunx jista' jibda jiddekorri. Mifhum b'dan il-mod, id-dritt Ġermaniż jista', fil-fehma tiegħi, ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni.

50. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li hija l-persuna li timpjega li għandha tiżgura li l-ħaddiem ikun f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas [25]. Għal dan l-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "il-persuna li timpjega hija obbligata, partikolarment fid-dawl tan-natura imperattiva tad-dritt għal-leave annwali mħallas u sabiex jiġi żgurat l-effett utli tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li tiżgura b'mod konkret u trasparenti li l-ħaddiem ikun effettivament imqiegħed f'pożizzjoni li jieħu l-leave annwali mħallas tiegħu, billi tinċentivah, formalment, fejn meħtieġ, li jagħmel dan, filwaqt li tinformah, b'mod preċiż u fi żmien xieraq, sabiex tiżgura li l-imsemmi leave jkun għadu jista' jiżgura l-mistrieħ u r-rilassament li huwa mistenni li jikkontribwixxi lill-persuna kkonċernata, li, jekk din ma tiħdux, dan il-leave jintilef fi tmiem il-perijodu ta' referenza jew il-perijodu ta' rrimandar awtorizzat" [26].

51. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward jaqa' fuq il-persuna li timpjega […]. Jekk din ma tkunx tista' turi li tat prova ta' kull diliġenza meħtieġa li l-ħaddiem ikun effettivament imqiegħed f'pożizzjoni li jieħu l-leave annwali mħallas li għalih huwa kellu dritt, hemm lok li jiġi kkunsidrat li t-telf tad-dritt għall-imsemmi leave fit-tmiem tal-perijodu ta' referenza jew ta' rrimandar awtorizzat u, f'każ tat-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg, l-assenza korrelattiva ta' ħlas ta' kumpens finanzjarju għal-leave annwali mhux meħud, jiksru, rispettivament, l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88" [27].

52. Skont il-Gvern Ġermaniż, il-kunċetti ta' estinzjoni u ta' preskrizzjoni għandhom madankollu differenzi fundamentali. Fil-fatt, il-preskrizzjoni ma hijiex prevista biss fl-interess tad-debitur, iżda taqa' taħt rekwiżit tal-Istat tad-dritt sa fejn tikkontribwixxi għall-paċi u ċ-ċertezza legali. Issa, il-preskrizzjoni tista' tilħaq dawn l-għanijiet biss jekk il-possibbiltà li jiġu invokati drittijiet tkun suġġetta għal limitazzjoni *ratione temporis*. Kieku, għall-kuntrarju, il-preskrizzjoni kellha titqies li hija inapplikabbli f'ċerti ċirkustanzi, id-drittijiet għal-leave annwali mħallas imnissla matul relazzjoni ta' xogħol jistgħu jiġu akkumulati liberament u indefinittivament, ħaġa li tmur kontra l-għan ta' mistrieħ ta' dan il-leave. Il-Gvern Ġermaniż iqis għalhekk li l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' preskrizzjoni għad-dritt għal-leave annwali mħallas hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluż meta l-persuna li timpjega ma tkunx issodisfat l-obbligi tagħha li tinċentiva u li tinforma.

53. B'mod kuntrarju għall-Gvern Ġermaniż, inqis li, sa fejn l-iskadenza ta' terminu ta' preskrizzjoni bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' twassal għat-telf mill-ħaddiem tad-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas, hemm lok li jiġi applikat b'analoġija għal tali terminu dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften fir-rigward ta' regola nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 7(3) tal-BUrlG, li jwassal għall-estinzjoni tad-dritt miksub ta' ħaddiem għal-leave annwali mħallas jew id-dritt korrelattiv tiegħu għall-ħlas ta' kumpens għal-leave mhux meħud fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol. Minn dan jirriżulta li l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tkun suġġetta għall-verifika minn qabel li l-persuna li timpjega effettivament qiegħdet lill-ħaddiem f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas. Barra minn hekk, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-konsumaturi,

25 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Kreuziger (punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll is-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Sentenza Kreuziger (punt 52) u s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 45).

27 Sentenza Kreuziger (punt 53) u s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 46).

terminu ta' preskrizzjoni jista' jkun kompatibbli mal-prinċipju ta' effettività biss jekk il-konsumatur kellu l-possibbiltà li jkun jaf id-drittijiet tiegħu qabel ma dan it-terminu jibda jiddekorri jew jiskadi [28].

54. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-obbligi ta' inċentiv u ta' informazzjoni imposti fuq il-persuna li timpjega huma ġġustifikati mill-fatt li l-ħaddiem għandu jitqies bħala l-parti l-iktar dgħajfa fir-relazzjoni tax-xogħol u li għalhekk jista' jiġi dissważ milli jasserixxi espliċitament id-drittijiet tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah [29]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja "huwa importanti li tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-oneru li jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għal-leave annwali mħallas jintefa' kompletament fuq il-ħaddiem, filwaqt li l-persuna li timpjega tkun, għalhekk, offruta l-possibbiltà li teżonera ruħha mill-obbligi tagħha stess, bil-pretest li talba għal-leave annwali mħallas ma tkunx tressqet mill-ħaddiem" [30].

55. Il-loġika ta' dan ir-raġunament hija li jiġi kkunsidrat li t-telf tad-dritt għal-leave annwali mħallas miksub minn ħaddiem ma jistax jirriżulta mill-konstatazzjoni li dan ma kellux aġir attiv fir-rigward tat-teħid tal-leave tiegħu, mingħajr ma jiġi vverifikat minn qabel li dan il-ħaddiem kien effettivament tqiegħed f'pożizzjoni mill-persuna li timpjegah li jeżerċita dan id-dritt. Tali telf, li ma huwiex suġġett għall-verifika minn qabel li l-persuna li timpjega tkun issodisfat l-obbligi tagħha ta' inċentiv u ta' informazzjoni dwar it-teħid tal-leave, jikser, inkluż fir-rigward tar-regoli nazzjonali ta' preskrizzjoni, il-limiti imposti b'mod imperattiv fuq l-Istati Membri meta jispeċifikaw il-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-imsemmi dritt [31].

56. Skont din l-istess loġika, inqis li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta ma jippermettux li ż-żamma minn ħaddiem tad-dritt miksub tiegħu għal leave annwali mħallas tkun tiddependi fuq it-tressiq minn dan tal-aħħar ta' azzjoni legali li jkollha l-effett, konformement mal-Artikolu 204 tal-BGB, li tissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni.

57. Fil-qosor, il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha Kreuziger u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften fil-qasam tal-estinzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas huma, fl-opinjoni tiegħi, trasponibbli għall-qasam tal-preskrizzjoni ta' dan id-dritt. Għalhekk, sabiex jiġi ggarantit li l-ħaddiem ikun jista' jibbenefika minn mistrieħ effettiv, għall-finijiet ta' protezzjoni effettiva tas-sigurtà u tas-saħħa tiegħu [32], hemm lok li jiġi żgurat li kull implimentazzjoni ta' regola nazzjonali li twassal għall-estinzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas, inkluż fil-qasam tal-preskrizzjoni ta' tali dritt, tkun suġġetta għall-verifika minn qabel li l-ħaddiem ikun effettivament tqiegħed f'pożizzjoni li jeżerċita dan id-dritt.

58. Kull interpretazzjoni oħra jkollha l-konsegwenza li tippermetti lil Stat Membru jerġa' jintroduċi, din id-darba permezz ta' dispożizzjonijiet ġenerali fil-qasam tal-preskrizzjoni, il-possibbiltà ta' limitazzjoni *ratione temporis* tad-dritt għal-leave annwali mħallas ta' ħaddiem li ma jkunx tqiegħed f'pożizzjoni li jeżerċitah, li, fil-fehma tiegħi, imur kontra dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenzi Kreuziger u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften.

28 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza BNP Paribas Personal Finance (punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Ara s-sentenza Kreuziger (punt 48), u s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 41).

30 Sentenza Kreuziger (punt 50), u s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 43).

31 Ara s-sentenza Kreuziger (punt 47), u s-sentenza Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (punt 40).

32 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, Koch Personaldienstleistungen (C-514/20, EU:C:2022:19, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59. Inżid li l-approċċ li nissuġġerixxi huwa konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li skontha d-dritt għal-leave annwali mħallas ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv [33]. Minn dan isegwi li "kull deroga mis-sistema tal-Unjoni fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol prevista mid-Direttiva 2003/88 għandha tingħata interpretazzjoni li tillimita l-portata tagħha għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi li din id-deroga tippermetti li jiġu protetti" [34].

60. Issa, f'dan il-każ, ma jidhirlix li l-interessi ta' persuna li timpjega li ma ssodisfatx l-obbligi tagħha ta' inċentiv u ta' informazzjoni dwar it-teħid tal-leave jistħoqqilhom li jiġu protetti għad-detriment ta' dawk tal-ħaddiem. Din il-persuna li timpjega ma għandhiex tkun tista' teżonera ruħha mill-osservanza tal-obbligi tagħha stess u tibbenefika min-nuqqas tagħha stess billi ssostni li regola nazzjonali ta' preskrizzjoni għandha għan ta' ċertezza legali.

61. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "b'differenza minn sitwazzjoni ta' kumulu ta' drittijiet għal-leave annwali mħallas ta' ħaddiem prekluż milli jieħu l-imsemmi leave għal raġunijiet ta' mard, il-persuna li timpjega li ma tqigħedx ħaddiem f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas għandha tassumi l-konsegwenzi ta' dan" [35]. Barra minn hekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, "il-fatt li jiġi aċċettat, f'dawn iċ-ċirkustanżi, li d-drittijiet għal-leave annwali mħallas miksuba mill-ħaddiem jiġu estinti jkun ifisser li jiġi approvat aġir li jwassal għal arrikkiment illegali tal-persuna li timpjega bi ħsara tal-għan innifsu ta[d-Direttiva 2003/88] intiż għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiem" [36].

62. Mill-elementi preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, fin-nuqqas tal-persuna li timpjega li turi li hija wriet id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex il-ħaddiem ikun effettivament f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas, dan il-ħaddiem ma jistax jiġi mċaħħad minn dan id-dritt miksub, kemm jekk b'estinzjoni kif ukoll permezz ta' preskrizzjoni.

## V. Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li għad-domanda preliminari magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) tingħata risposta bil-mod kif ġej:

L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha d-dritt għal-leave annwali mħallas miksub fir-rigward ta' perijodu ta' riferiment kif ukoll, b'mod korrelattiv, id-dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li jibda jiddekorri fi tmiem ta' dan il-perijodu ta' riferiment, meta l-persuna li timpjega ma tkunx osservat l-obbligi ta' inċentiv u ta' informazzjoni imposti fuqha fir-rigward tat-teħid ta' dan il-leave mill-ħaddiem.

[33] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2021, job-medium (C-233/20, EU:C:2021:960, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[34] Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca SpA (C-762/18 u C-37/19, EU:C:2020:504, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[35] Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca SpA (C-762/18 u C-37/19, EU:C:2020:504, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[36] Sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King (C-214/16, EU:C:2017:914, punt 64).